Konferma tal-wasla ta' lment multiplu dwar allegat ksur tar-regoli tal-UE dwar il-ħarsien tal-ilpup mill-Iżvezja

Numru ta' referenza: CPLT(2023)01635

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti dwar il-ħarsien tal-ilpup fl-Iżvezja fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-Ħabitats).

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta' referenza CPLT(2023)01635. Tista' tibgħat aktar informazzjoni dwar l-ilment tiegħek lill-punti ta' kuntatt elenkati hawnhekk. Jekk jogħġbok ikkwota n-numru ta' referenza msemmi hawn fuq.

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' lmenti li rċeviet dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni, bil-ħsieb li twieġeb malajr u tinforma lil dawk ikkonċernati kif ukoll minħabba l-interess pubbliku potenzjalment usa' fil-kwistjoni li qajmu l-ilmentaturi, qed tippubblika din il-konferma tar-riċevuta fuq il-paġna ddedikata tas-sit web Europa. Wara li l-Kummissjoni teżamina dawn l-ilmenti, l-ilmentaturi se jiġu infurmati, mill-istess mezzi ta' informazzjoni, dwar l-azzjoni li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tieħu.

Il-Kummissjoni tikkunsidra l-ilment fid-dawl tal-liġi applikabbli tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-prijoritajiet ta' infurzar stabbiliti fil-Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Id-dritt tal-UE: Riżultati Aħjar permezz ta' Applikazzjoni Aħjar".

Ta' min jinnota li jekk, abbażi tal-ilment tiegħek, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tieħu azzjoni, inkluż billi tiftaħ proċedura ta' ksur formali, l-għan ġenerali tagħha jkun li tiżgura li l-liġijiet tal-Istati Membri jkunu konformi mad-dritt tal-UE u li jkunu applikati sew. Għaldaqstant jista' jkun li l-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni ma ssolvix is-sitwazzjoni speċifika u individwali tiegħek. Sabiex tikseb rimedju, inkluż kumpens jekk ikun mistħoqq, jenħtieġ li tieħu azzjoni fuq livell nazzjonali fl-Istat Membru ikkonċernat. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni ma tissospendix il-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni legali skont il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiddeċiedi, fit-tħaddim tad-diskrezzjoni tagħha, li ma tiftaħx proċeduri formali ta' ksur, anki jekk tqis li seħħ ksur tad-dritt tal-UE.

Is-servizzi tal-Kummissjoni awtomatikament se jittrattaw l-ilment tiegħek b'mod kunfidenzjali. Huwa biss fil-każ li lmentatur jagħżel trattament mhux kunfidenzjali fil-formola tal-ilmenti li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jistgħu jiżvelaw l-identità u kwalunkwe informazzjoni sottomessa minn dak l-ilmentatur lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fil-konfront tiegħu ikun sar l-ilment. L-iżvelar tal-identità tal-ilmentatur mid-dipartimenti tal-Kummissjoni jista' f'xi każijiet ikun indispensabbli għat-trattament tal-ilment.

Id-dikjarazzjoni speċifika dwar il-politika tal-privatezza tapplika fir-rigward tat-trattament tal-ilmenti.